**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dr. Christian Frendo)**

**vs**

**Abdulhamid Saied**

**Seduta tad-Distrett Valletta**

**Illum 1 ta' Settembru 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Abdulhamid Saied** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru **138450A** billi huwa akkuzat:

1) talli fis-27 ta' Awwissu 2015, ghall-habta tal-3:40hrs minn gewwa Triq l-Imhazen, Floriana ikkommetta serq minn gewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABN081 ghad-dannu ta' Christian Lawrence Buhagiar u/ jew persuni ohra liema serq ma jeccedix il-mitejnu tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€239.24) izda ikkwalifikat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ai termini tal-artikoli 261, 271(g), 281(a,b) tal-kodici Kriminali, Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta attentat ta' serq minn gewwa vettura Toyota bin-numru ta' registrazzjoni DBF518 ghad-dannu ta' Shilo Curmi u jew persuni ohra liema serq huwa ikkwalifikat, bil- hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ai termini tal-artikoli 261, 271(g), 281(a,b) tal-kodici Kriminali, Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

3) U aktar talli sar ricediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal- 4 t'April 2014 – Mag. Dr. Claire-Louise Stafrace LL.D.

Ikkunsidrat:

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' llum l-1 ta' Settembru, 2015 ghall-ewwel u ghat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel u t-tieni akkuza migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, li kkopera mal-pulizija fl-istharrig taghhom u jidrilha li l-oggetti misrqua gew rritornati.

Il-Qorti tigbed l-attenzjoni li vetturi pparkjati f’postijiet pubblici ghandhom ikunu msakkra tajjeb u m’ghandhomx jithallew oggetti ta’ certu valur fihom.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261, 271 (g) u 281 (a)(b) tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu tikkundannah tmien (8) xhur prigunerija.

Il-Qorti tiddikjara li z-zmien li l-istess imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz ghandhom jitnaqqsu miz-zmien li l-imputat irid jiskonta fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin in konnessjoni ma' din is-sentenza.

**Dr Joseph Mifsud**

**Magistrat**

Margaret De Battista

Deputat Registratur